MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1684/2005

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**vs**

**Martin Tabone u martu Naomi Tabone**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-24 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija u tmintax il-lira Maltija (Lm118) rapprezentanti xoghol ta' *surveying* u VAT relattiv dan kif jirrizulta minn fattura datata 5 ta' April 2004 b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra interpellatorja.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati b'l-avviz fit-12 ta' Ottubru 2005, naqsu li jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mija u tmintax il-lira Maltija (Lm118) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------